MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 43/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Melvyn Camilleri)**
**Vs**
**Jeffrey Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru **295472M**] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-25 ta' Awissu, 2010 għall-ħabta ta' 19.30 hrs ġewwa r-residenza 7A, Rojeff, Triq il-15 t'Awissu, Mosta :

1. ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' martu Rosita Scicluna hekk kif iċċertifikat minn Dr. Justine Farrugia Preca MD ta' Mosta Health Centre;

2. ikkaġuna lil martu Rosita Scicluna biza` li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` tagħha jew kontra

l-persuna jew il-propjeta` ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 221(1) u 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu terminu ta' xahar priġunerija sospiza għal perjodu ta' sena, a tenur tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant (ID no. 293553M) minnu ppreżentat fit-28 ta' Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena u jekk din it-talba ma tistax tintlaqa`, tirriforma l-istess sentenza billi tirriduċi l-piena għar-raġunijiet imsemmija għal oħra minuri u iktar xierqa.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti li kienet aġġornata sat-28 ta' Novembru 2011 u li kien fiha biss kontravenzjoni li kienet deċiża fis-7 ta' Mejju 2008..

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti filli mill-provi prodotti l-Ewwel Qorti kellha tasal ghal konklużjoni inversa u tillibera lill-appellant.

Illi tenut kont tal-prinċipji bażilari li jirregolaw kull proċess penali, l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz tagħha mingħajr dubju dettat mir-raguni. Rosita Scicluna, fix-xhieda tagħha kkonfermat li ma kien hemm ħadd ieħor, ħlief it-tifel minuri fid-dar matrimonjali meta sehh l-allegat inċident. L-appellant innega b'mod kategoriku li ħebb għal martu jew li kkawżalha ġrieħi ta' l-ebda tip, u bl-istess mod kategoriku ċaħad li kien hemm it-tifel minuri preżenti. Il-Pulizija li niżżel id-dettalji tar-rapport ma kienx prezenti fizikament meta seħħ l-argument u lanqas ma kienet hemm it-tabiba li rrilaxxat iċ-ċertifikat mediku u

għaldaqstant il-verzjoni tal-fatti kif elenkati fiż-żewġ affidavits tagħhom għandhom jitqiesu bħala "detto del detto".

Illi fi kwalsiasi każ, il-prova tad-difiża konsistenti fix-xhieda ta' l-appellant, għandha fuq bazi ta' probabilita` tiskossa t-tezi sostnuta minn Rosita Scicluna.

Illi minkejja dan jidher li l-Ewwel Qorti għażlet li tinjora x-xhieda mogħtija mill-appellant billi tieħu in konsiderazzjoni biss dak li xehdet Rosita Scicluna li fl-umli fehma tal-appellant hija infondata fil-fatt u mmirata lejn motivi ulterjuri.

Illi ghalhekk jidher li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u dan minhabba li l-akkuza ma gietx ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli mill-prosekuzzjoni u li, fl-aghar ipotezi, dan kellu jwassal lill-Ewwel Qorti tillibera lill-appellant in virtu ta' konflit ta' provi.

Illi minghajr pregudizzju ghal premessi u dejjem in ultima analizi l-piena nflitta hija eccessiva u sproporzjonata u l-Ewwel Qorti messa, bir-rispett kollu dovut lejha u bla pregudizzju ghas-suespost, applikat piena anqas harxa.

Ikkonsidrat

Hija massima tal-Qrati tal-Appell kemm dik Inferjuri kif ukoll dik Superjuri li ma jiddisturbawx id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk kemm-il darba l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

Illi din il-Qorti reġgħet semgħet il-provi mill-ġdid u rat ukoll l-affidavit ta' WPS 230 Anna Marie Vella u tat-tabiba Dr Justine Farrugia Preca.

Semgħet ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkonsidrat

**Is-sottomissjoni dwar il-hearsay**

Id-difiża ddeskriviet dawn id-dokumenti bħala hearsay evidence għaliex la l-pulizija u lanqas it-tabiba ma kienet preżenti waqt l-argument. Il-Qorti mhix taċċetta din is-sottomissjoni għar-raġunijiet li ġejjin:

(1) Waqt il-proċeduri, kemm quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell, id-difiża kellha d-dritt li titlob għall-preżenza ta' dawn il-persuni sabiex jew tagħmel l-eżami jew il-kontro-eżami tagħhom. Jekk id-difiża naqset li tagħmel dan, ma tistax tagħmel din is-sottomissjoni fi proċeduri tal-appell.

(2) Barra dan il-Kodiċi Kriminali stess jipprovdi sabiex dawn il-persuni jkunu jistgħu jagħtu x-xhieda tagħhom bl-affidavit.

**Il-Provi**

Mix-xhieda ta' Rosita Scicluna jirriżulta li fil-25 t'Awwissu 2010 hija kienet fil-kamra tas-sodda u t-tfal kienu qed jiġru fil-kuritur. Daħal l-imputat jgħajjat li kienet ħaditlu ċ-ċwievet tal-vann u beda jheddidha. Beda jagħtiha ġo wiċċha bil-ponn taċ-ċwievet. Dan l-aġir tal-imputat kien ilu għaddej. Kontinwament theddid u tgħajjir. Tkun rieqda u jgħidlha li ser jitfgħalha l-aċidu f'wiċċha. Hemm diversi rapporti fl-għassa.

Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li t-tifel kien daħal fil-kamra tas-sodda hekk kif l-appellant waddabha fuq is-sodda.

Xehed ukoll l-appellant li qal li fil-25 t'Awwissu 2010 huwa ma kienx sab iċ-ċavetta tal-vann. Huwa staqsa liż-żgħir fejn kienet iċ-ċavetta u dan wieġbu li ma kienu ħadu xejn. Huwa nnega li kien ħebb għal Rosita u qal ukoll li t-tfal kienu fil-kamra tal-computer. Huwa kkonferma li kien għaddej fi proċeduri ta' separazzjoni u kien qed jistenna loan mill-bank. Dwar akkużi oħra li saru minn martu, huwa kien ġie liberat.

Fil-kontro-eżami huwa qal li dak li jirriżulta fiċ-ċertifikat kienu offiżi li għamlithom hi.

Miċ-ċertifikat tat-tabib (a fol 5) jirriżulta li kien hemm 'tenderness on the left maxilla. No bruising. No lacerations. Small abrasion over the left maxilla.' Dawn kienu deskritti bħala 'slight saving complications.'

Il-Qorti sabet il-verżjoni ta' Rosita Scicluna aktar konviċenti minn dik tal-appellant. Kien l-appellant li għamel l-offiżi deskritti fiċ-ċertifikat u ħadd aktar. Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputrazzjoni, li tirreferi għall-artikolu 251B tal-Kap 9, l-imputazzjoni hija miktuba b'mod li tirreferi għal dak li ġara f'jum partikolari biss – il-25 t'Awwissu 2010. Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem:

'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba **minn dawk l-okkażjonijiet'**.

Jista' jkun hemm **<u>aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum</u>** u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta.

Madankollu fl-istess jum kien hemm it-theddid u l-Qorti qed issibu ħati ta' theddid skont il-kontravenzjoni 339(1)(e) tal-Kap 9 liema kontravenzjoni **hija kompriża u involuta fl-imputazzjoni numru 2 taċ-ċitazzjoni.**

Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet premessi billi tikkonfermha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u qed tħassarha u tirrivokha fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni u fejn ikkundannatu għal xahar priġunerija li għandu jibqa' sospiż għal sena u minflok qegħda safejn għandha x'taqsam it-tieni

imputazzjoni issibu ħati tal-kontravenzjoni li taqa’ taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 liema kontravenzjoni hija kompriża u involuta fl-istess imputazzjoni u flok tikkundanna lill-imputat għal xahar priġunerija sospiż għal sena qed tillibera lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien sena mil-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446.

**Il-Qorti qed twissi lill-appellant bil-konsegwenzi li jista’ jkun hemm jekk hu iwettaq xi reat matul iż-żmien imsemmi. Jekk iwettaq xi reat, hu li hu, jekk jinstab ħati tar-reat il-ġdid mhux biss ikun ikkundannat għar-reat il-ġdid iżda wkoll għar-reati jew kontravenzjonijiet li tagħhom instab ħati f’din is-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------